**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**
**CHAIRPERSON**

**Plaza Centres p.l.c. (C-564)**

**Vs**

**Rakan Limited (C-51845)**

**Rikors Guramentat Nru 129/16**

Illum 25 ta' April, 2017

Il-Bord,

Ra r-rikors guramentat ta' Plaza Centres plc (C564) li jaqra hekk:

1. Permezz ta' kuntratt ta' kera datat 29 ta' April, 2014, Plaza Centres plc kriet ufficju fis-seba' sular tal-Plaza Commercial Centre lis-socjeta' intimata. Kopja ta' dan il-kuntratt qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument PC1;

2. ls-socjeta' intimata waqghet lura fil-hlas tal-kera u ta' ammonti ohra dovuti skont il-kuntratt ta' kera, bhal *common area building and maintenance costs*, ilma u elettriku. Is-socjeta' rikorrenti talbet il-hlas

tal-pendenzi dovuti wkoll permezz ta' ittra, kopja hawn annessa u mmarkata Dokument PC2;

3. Sa llum is-socjeta' intimata ghadha ma hallsitx il-pendenzi minnha dovuti;

4. L-inadempjenza tas-socjeta intimata fir-rigward tal-hlas tal-pendenzi dovuti lis-socjeta rikorrenti naxxenti mill-kuntratt ta' kera jikkostitwixxu ksur tal-klawzoli 3.01, 5.04 u 7.05 tal-kuntratt ta' kera in kwistjoni;

5. Sad-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors, l-ammont dovut minghand is-socjeta intimata huwa ta' €7,040.77 (sebat elef u erbghin Ewro u sebgha u sebghin centezmu) u dan skont *statement of account* hawn anness u mmarkat Dokument PC3;

6. Ai termini ta' l-artikolu 10.02 tal-kuntratt ta' kera in kwistjoni, is-socjeta' rikorrenti ghandha d-dritt tittermina l-kirja jekk is-socjeta intimata, fost affarijiet ohra, tonqos milli thallas il-kera u pendenzi ohra (artikolu 11.02 (a));

7. Fil-fehma tas-socjeta rikorrenti , u skont sa fejn taf hi, is-socjeta' intimata m'ghandhiex difiza xi tressaq ghal dawn it-talbiet.

8. Ghaldaqstant, abbazi tas-suespost, is-socjeta rikorrenti titlob bir-rispett lil dan il-Bord sabiex joghgbu:

   a) Jilqa' t-talba sabiex dan ir-rikors jigi trattat bi procedura sommarja u minghajr ma jghaddi ghas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 16A tal-Kap. 59 tal-Ligijiet ta' Malta;
   b) Jiddikjara li l-kirja bejn Plaza Centres p.l.c. u Rakan Limited hija mitmuma;
   c) Jordna lil Rakan Limited titkecca u tizgombra mill-fond in kwistjoni fi zmien qasir u perentorju;
   d) Jiddikjara li Rakan Limited hija debitrici tal-Plaza centres plc fis-somma ta' €7,040.77 (sebat elef u erbghin Ewro u sebgha u sebghin centezmu) rapprezentanti kera u common areo ond building maintenance costs, ilma u elettriku;

e) Jordna lis-socjeta intimata thallas is-somma ta' €7,040.77 (sebat elef u erbghin Ewro u sebgha u sebghin centezmu) rapprezentanti kera u common area and building maintenance costs, ilma u elettriku.

Bl-ispejjez u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv kontra Rakan Limited li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta′ intimata giet notifikata skont il-ligi u li ebda rapprezentant ma deher biex jikkontesta t-talbiet tas-socjeta′ rikorrenti.

Ra illi t-talba tas-socjeta′ rikorrenti hija segwita b′dikjarazzjoni guramentata tal-fatti ta′ David Soler liema fatti huma minnu maghrufa kompriz id-dikjarazzjoni li s-socjeta′ intimata ma ghandha l-ebda opposizzjoni x′tista taghmel skont il-ligi.

Sema′ lil David Soler.

Ra l-verbal tas-seduta tallum.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra:

Permezz tal-kuntratt ta′ kera, Plaza Centres plc kriet ufficcju fis-seba′ sular tal-Plaza Commercial Centre lil Rakan Limited. Is-socjeta′ intimata waqghet lura fil-hlasijiet kemm tal-kera kif ukoll tal-kontijiet tas-servizzi u baqghet sallum ma hallsitx.

Ra li ebda rapprezentant tas-socjeta′ intimata ma deher biex jikkontesta t-talbiet tas-socjeta′ rikorrenti.

Jirrizulta ghalhekk li t-talbiet kollha tas-socjeta′ rikorrenti jimmeritaw li jintlaqghu.

Ghal dawn il-motivi l-Bord jaqta′ u jiddeciedi billi jilqa′ t-talbiet kollha tas-socjeta′ rikorrenti u ai fini tat-tielet talba tordna lil Rakan Limited sabiex tizgombra mill-fond inkwistjoni fi zmien perentorju ta′ tletin (30) jum.

Bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba a karigu tas-socjeta′ intimata.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Camilleri**
**Deputat Registratur**